**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Dokument ta' sessjoni*

**B8-0591/2016</NoDocSe> }**
**B8-0593/2016</NoDocSe> }**
**B8-0595/2016</NoDocSe> }**
**B8-0598/2016</NoDocSe> }**
**B8-0600/2016</NoDocSe> }**
**B8-0602/2016</NoDocSe></RepeatBlock-NoDocSe> } RC1**

11.5.2016

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi:
Verts/ALE (B8-0591/2016)
ECR (B8-0593/2016)
S&D (B8-0595/2016)
GUE/NGL (B8-0598/2016)
PPE (B8-0600/2016)
ALDE (B8-0602/2016)

dwar il-Gambja
(2016/2693(RSP))

**Cristian Dan Preda, Elmar Brok, Tomáš Zdechovský, Andrej Plenković, Davor Ivo Stier, Eva Paunova, Milan Zver, Ildikó Gáll-Pelcz, David McAllister, Brian Hayes, Maurice Ponga, Bogdan Brunon Wenta, Adam Szejnfeld, Jarosław Wałęsa, Giovanni La Via, Tunne Kelam, Patricija**

**Šulin, Ivan Štefanec, Dubravka Šuica, Ivana Maletić, Therese Comodini Cachia, Sven Schulze, Luděk Niedermayer, Eduard Kukan, Pavel Svoboda, Romana Tomc, Lefteris Christoforou, Csaba Sógor, Roberta Metsola, Michaela Šojdrová, Claude Rolin, József Nagy, Krzysztof Hetman, Stanislav Polčák, László Tőkés, Inese Vaidere, Ramona Nicole Mănescu**
f'isem il-Grupp PPE
**Victor Boştinaru, Eric Andrieu, Nikos Androulakis, Maria Arena, Francisco Assis, Zigmantas Balčytis, Hugues Bayet, Brando Benifei, Goffredo Maria Bettini, José Blanco López, Vilija Blinkevičiūtė, Simona Bonafè, Biljana Borzan, Nicola Caputo, Andrea Cozzolino, Andi Cristea, Nicola Danti, Isabella De Monte, Monika Flašíková Beňová, Knut Fleckenstein, Doru-Claudian Frunzulică, Eider Gardiazabal Rubial, Elena Gentile, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Neena Gill, Michela Giuffrida, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Sergio Gutiérrez Prieto, Richard Howitt, Cătălin Sorin Ivan, Liisa Jaakonsaari, Afzal Khan, Jude Kirton-Darling, Miapetra Kumpula-Natri, Cécile Kashetu Kyenge, Javi López, Juan Fernando López Aguilar, Krystyna Łybacka, David Martin, Edouard Martin, Marlene Mizzi, Sorin Moisă, Alessia Maria Mosca, Victor Negrescu, Momchil Nekov, Pier Antonio Panzeri, Demetris Papadakis, Pina Picierno, Tonino Picula, Miroslav Poche, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Daciana Octavia Sârbu, Siôn Simon, Monika Smolková, Tibor Szanyi, Claudia Tapardel, Marc Tarabella, Patrizia Toia, Elena Valenciano, Julie Ward, Josef Weidenholzer, Flavio Zanonato, Carlos Zorrinho**
f'isem il-Grupp S&D
**Ruža Tomašić, Angel Dzhambazki, Mark Demesmaeker, Raffaele Fitto, Monica Macovei, Kay Swinburne, Ryszard Antoni Legutko, Tomasz Piotr Poręba, Ryszard Czarnecki, Anna Elżbieta Fotyga, Charles Tannock, Geoffrey Van Orden, Pirkko Ruohonen-Lerner, Jana Žitňanská**
f'isem il-Grupp ECR
**Nedzhmi Ali, Petras Auštrevičius, Beatriz Becerra Basterrechea, Izaskun Bilbao Barandica, Dita Charanzová, Marielle de Sarnez, Gérard Deprez, Martina Dlabajová, Nathalie Griesbeck, Antanas Guoga, Marian Harkin, Filiz Hyusmenova, Ivan Jakovčić, Petr Ježek, Kaja Kallas, Ilhan Kyuchyuk, Valentinas Mazuronis, Javier Nart, Urmas Paet, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Carolina Punset, Jozo Radoš, Frédérique Ries, Robert Rochefort, Marietje Schaake, Jasenko Selimovic, Hannu Takkula, Pavel Telička, Ramon Tremosa i Balcells, Ivo Vajgl, Johannes Cornelis van Baalen, Hilde Vautmans, Paavo Väyrynen, Cecilia Wikström**
f'isem il-Grupp ALDE
**Xabier Benito Ziluaga, Tania González Peñas, Kateřina Konečná, Merja Kyllönen, Jiří Maštálka, Lola Sánchez Caldentey, Barbara Spinelli, Estefanía Torres Martínez, Miguel Urbán Crespo, Marie-Christine Vergiat**
f'isem il-Grupp GUE/NGL
**Jean Lambert, Maria Heubuch, Heidi Hautala, Bart Staes, Ernest**

**Urtasun, Barbara Lochbihler, Tamás Meszerics, Jordi Sebastià, Davor Škrlec, Bodil Valero, Igor Šoltes, Bronis Ropė, Judith Sargentini**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Ignazio Corrao, Fabio Massimo Castaldo, Piernicola Pedicini, Laura Ferrara, Laura Agea, Isabella Adinolfi**
f'isem il-Grupp EFDD

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Gambja**
**(2016/2693(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Gambja,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2015 dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fl-2015[1],

– wara li kkunsidra diversi mistoqsijiet parlamentari rigward is-sitwazzjoni fil-Gambja,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) tas-17 ta' April 2016 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Gambja,

– wara li kkunsidra diversi dikjarazzjonijiet magħmula mid-Delegazzjoni tal-UE fil-Gambja,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana tat-28 ta' Frar 2015 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika tal-Gambja,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni magħmula mis-Segretarju Ġenerali tan-NU Ban Ki-moon fis-17 ta' April 2016,

– wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar it-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, Addendum: Missjoni fil-Gambja, tat-2 ta' Marzu 2015,

– wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji dwar il-Gambja tal-11 ta' Mejju 2015,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Ħidma tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-Rieżami Universali Perjodiku dwar il-Gambja tal-24 ta' Diċembru 2014,

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou ffirmat f'Ġunju 2000,

– wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tal-Gambja,

– wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza,

– wara li kkunsidra l-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Intolleranza u Diskriminazzjoni abbażi tar-Reliġjon u t-Twemmin tal-1981,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

---

[1] Testi adottati, P8_TA(2015)0079.

– wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi Yahya Jammeh ħataf il-poter fil-Gambja permezz ta' kolp ta' stat militari fl-1994; billi hu kien ġie elett President fl-1996 u minn dak iż-żmien lil hawn reġa' ġie elett għal tliet darbiet, f'ċirkostanzi kkontestati;

B. billi l-elezzjonijiet presidenzjali huma ppjanati li jsiru fl-1 ta' Diċembru 2016 u l-elezzjonijiet leġiżlattivi fis-6 ta' April 2017; billi l-aħħar elezzjonijiet presidenzjali, li saru fl-2011, ġew ikkundannati mill-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Punent tal-Afrika (ECOWAS) peress li qisiethom bħala nieqsa mil-leġittimità u akkumpanjati minn ripressjoni u intimidazzjoni tal-partiti tal-oppożizzjoni u tal-elettorat tagħhom;

C. billi protesta paċifika li saret fl-14 ta' April 2016 f'Serekunda, subborg tal-kapital Banjul, li talbet riforma elettorali, wasslet għal reazzjonijiet vjolenti min-naħa tal-forzi tas-sigurtà tal-Gambja u detenzjoni arbitrarja tad-dimostranti, fosthom bosta membri tal-Partit Demokratiku Magħqud (UDP); billi Solo Sandeng, il-kap tal-oppożizzjoni u membru tal-UDP, miet f'ċirkostanzi suspettużi waqt li kien f'detenzjoni ftit wara li ġie arrestat;

D. billi membri tal-UDP inġabru mill-ġdid fis-16 ta' April 2016 biex jitolbu ġustizzja għall-mewt tas-Sur Sandeng u l-ħelsien ta' membri oħra tal-partit tagħhom; billi l-pulizija tefgħu il-gass tad-dmugħ fuq id-dimostranti u arrestaw għadd ta' persuni;

E. billi kap ieħor tal-oppożizzjoni, Ousainou Darboe, u uffiċjali għolja oħra tal-partit, ġew arrestati u miżmuma mill-istat, u skont kif ingħad, ġarrbu ġrieħi gravi;

F. billi Alagie Abdoulie Ceesay, id-direttur eżekuttiv tal-istazzjon tar-radju indipendenti Teranga FM, li ġie arrestat fit-2 ta' Lulju 2015 mill-Aġenzija tal-Intelligence Nazzjonali, ġie miċħud id-dritt għall-ħelsien fuq garanzija personali għal tliet darbiet minkejja l-kundizzjoni ħażina ta' saħħtu;

G. billi f'Marzu 2016, il-Grupp ta' Ħidma tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Detenzjoni Arbitrarja ħareġ opinjoni, adottata matul l-aħħar sessjoni tiegħu f'Diċembru 2015, li fiha enfasizza li s-Sur Ceesay ġie mċaħħad mil-libertà b'mod arbitrarju u li fiha talab li l-Gambja teħilsu u twaqqa' l-akkużi kollha kontrih;

H. billi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti fil-Gambja huma vittmi ta' prattiki abbużivi u ta' leġiżlazzjoni ripressiva u ta' sikwit jiffaċċjaw fastidju u intimidazzjoni, arrest u detenzjoni u għajbien jew eżilju furzati;

I. billi t-tortura u forom oħra ta' trattament ħażin huma użati regolarment fil-Gambja; billi huwa rrapportat li persuni ġew regolarment ittorturati brutalment jew trattati ħażin b'modi oħra sabiex jiġu mġiegħla jipproduċu "konfessjonijiet", li mbagħad jintużaw fil-qorti, kif muri fir-rapport imħejji wara ż-żjara tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar it-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra fil-Gambja fl-2014;

J. billi l-Aġenzija tal-Intelligence Nazzjonali u l-pulizija regolarment iwettqu detenzjonijiet arbitrarji, bħal fil-każ tal-ex Viċi Ministru tal-Agrikoltura, Ousman Jammeh, u l-istudjużi Islamiċi Sheikh Omar Colley, l-Imam Ousman Sawaneh u l-Imam Cherno Gassama, u

individwi ta' sikwit jiġu miżmuma mingħajr att ta' akkuża u lil hinn mill-limitu ta' 72 siegħa li matulu l-persuna suspettata trid titressaq quddiem qorti, bi ksur tal-kostituzzjoni;

K. billi l-leġiżlazzjoni attwali kontra l-omosesswalità fil-Gambja tipprevedi żminijiet twal ta' ħabs u multi ħorox għall-"omosesswalità aggravata"; billi l-persuni LGBTI ta' sikwit huma vittmi ta' attakki, theddid jew arresti arbitrarji mill-forzi tas-sigurtà u xi wħud minnhom ġew imġiegħla jħallu l-pajjiż għas-sikurezza tagħhom stess;

L. billi l-Gambja huwa wieħed mill-ħmistax-il pajjiż l-aktar fqar fid-dinja bi kważi kwart tal-popolazzjoni qiegħda tiffaċċja insigurtà tal-ikel kronika; billi l-pajjiż huwa dipendenti ħafna fuq l-għajnuna internazzjonali; billi 14 475 Gambjan applikaw għal asil fl-UE sa mill-2015;

M. billi s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Gambja tqajjem tħassib reali; billi l-UE qiegħda tindirizza dawn il-kwistjonijiet permezz ta' djalogu skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou sa minn tmiem l-2009, iżda bi ftit progress konkret;

N. billi, wara tħassib dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-UE naqqset drastikament l-għajnuna tagħha lill-Gambja, għalkemm għadha l-akbar donatur ta' għajnuna lill-Gambja b'total ta' EUR 33 miljun allokati għall-programm indikattiv nazzjonali (PIN) għall-perjodu 2015-2016; billi wara dan it-tnaqqis fl-għajnuna, il-President Jammeh keċċa ħesrem lix-Chargé d'Affaires tal-UE għall-Gambja, Agnes Guillard, f'Ġunju 2015;

O. billi l-PIN għall-Gambja għall-2015-2016 jipprevedi investimenti fl-agrikoltura u s-sigurtà tal-ikel, kif ukoll fis-settur tat-trasport, iżda ma ġewx allokati fondi għall-iżvilupp tas-soċjetà ċivili, il-governanza demokratika jew għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

P. billi l-Gambja hija membru tal-ECOWAS; billi f'Lulju 2014, Ftehim ta' Sħubija Ekonomika ġie konkluż bejn l-UE u l-ECOWAS, u se jiġi ratifikat fl-2016; billi l-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika għandhom mhux biss isaħħu l-kummerċ ġust iżda wkoll id-drittijiet tal-bniedem u l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

Q. billi l-Gambja hija Stat Membru tal-Unjoni Afrikana (UA), Stat parti tal-Karta Afrikana u firmatarja tal-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza;

R. billi l-Att ta' Emenda dwar l-Elezzjonijiet tal-2015 ineħħi mix-xena lill-partiti tal-oppożizzjoni bl-impożizzjoni ta' prezzijiet għoljin, u dan iqiegħed lill-Gambja fost l-aktar pajjiżi għaljin biex wieħed jikkontesta għal karigi pubbliċi u b'hekk jiġu limitati d-drittijiet taċ-ċittadini;

1. Jesprimi l-aktar tħassib serju tiegħu fir-rigward tas-sigurtà u s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li qegħdin jiddeterjoraw rapidament fil-Gambja u jiddeplora l-attakki tal-14 u tas-16 ta' April 2016 kontra dimostranti paċifiċi;

2. Jitlob il-ħelsien immedjat tad-dimostranti kollha arrestati b'rabta mal-protesti tal-14 u tas-16 ta' April; jitlob li l-Gvern tar-Repubblika tal-Gambja jiggarantixxi proċess ġust lil kwalunkwe persuna suspettata li tinsab detenuta abbażi ta' allegazzjonijiet ta' parteċipazzjoni fit-tentattiv għal bidla mhux kostituzzjonali tal-gvern; jistieden lill-awtoritajiet tal-Gambja jiggarantixxu l-integrità fiżika u psikoloġika ta' dawn il-persuni suspettati fiċ-ċirkostanzi kollha u biex jipprovdu trattament mediku mingħajr dewmien lil dawk midruba; jesprimi t-tħassib tiegħu rigward ix-xhieda ta' tortura u ta' trattament ħażin ta' priġunieri oħrajn;

3. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Gambjani biex iwettqu investigazzjoni rapida u indipendenti ta' dawn l-avvenimenti, u b'mod partikolari jesprimi tħassib serju dwar il-mewt rappurtata tal-attivist tal-oppożizzjoni Solo Sandeng waqt li kien f'detenzjoni;

4. Jikkundanna bil-qawwi l-għajbien furzat, id-detenzjonijiet arbitrarji, it-tortura u ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem immirati lejn vuċijiet dissidenti, inklużi ġurnalisti, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-avversarji politiċi u l-kritiċi, kif ukoll lejn persuni lesbjani, gay, bisesswali u transġeneru, taħt il-gvern tal-president Yahya Jammeh; jitlob li kwalunkwe priġunier detenut f'iżolament jiġi pproċessat jew meħlus;

5. Jistieden lill-UE u lill-UA jaħdmu mal-Gambja biex jiddaħħlu fis-seħħ salvagwardji kontra t-tortura, jiżguraw aċċess indipendenti għall-priġunieri u jirriformaw il-leġiżlazzjoni kollha li xxekkel id-drittijiet ta' libertà ta' espressjoni, ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda paċifika, inklużi r-reati kriminali ta' sedizzjoni, libell kriminali, u "tixrid ta' informazzjoni falza" fil-Kodiċi Kriminali u l-emendar tal-Att dwar l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-2013, li jinkludi ċ-ċensura tal-espressjoni online;

6. Jistieden lill-Gambja tirratifika l-Konvenzjoni tan-NU Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra;

7. Jistieden lill-Gvern tal-Gambja jinvestiga l-provi dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem mill-Aġenzija tal-Intelligence Nazzjonali, jiżviluppa leġiżlazzjoni li tindirizza drittijiet ugwali għaċ-ċittadini, fosthom kwistjonijiet ta' inugwaljanza, u jkompli bil-pjanijiet li jistabbilixxi Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem, skont il-Prinċipji ta' Pariġi dwar l-istituzzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, biex jinvestiga u jissorvelja abbużi allegati tad-drittijiet tal-bniedem;

8. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Gambja u lill-awtoritajiet reġjonali jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex itemmu d-diskriminazzjoni kontra u l-attakki u l-kriminalizzazzjoni ta' persuni LGBTI u biex jiggarantixxi d-dritt tagħhom għal-libertà tal-espressjoni, inkluż it-tneħħija mill-Kodiċi Kriminali Gambjan ta' dispożizzjonijiet li jikkriminalizzaw lill-persuni LGBTI;

9. Jistieden lill-awtoritajiet Gambjani biex jevitaw kwalunkwe diskriminazzjoni reliġjuża u biex jaġixxu favur djalogu paċifiku u kostruttiv bejn il-komunitajiet kollha;

10. Jistieden lill-ECOWAS u lill-UA biex jibqgħu impenjati kontra l-ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mir-reġim Gambjan; ifakkar li s-sigurtà u l-istabilizzazzjoni għadhom sfidi kbar fir-reġjun tal-Afrika tal-Punent u jinsisti fuq il-ħtieġa

li l-UA u l-ECOWAS jimmonitorjaw mill-qrib is-sitwazzjoni fil-Gambja u jżommu djalogu politiku permanenti mal-awtoritajiet Gambjani dwar it-tisħiħ tad-demokrazija u l-istat tad-dritt;

11. Iħeġġeġ lill-Gvern tar-Repubblika tal-Gambja jirratifika l-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza qabel l-elezzjonijiet presidenzjali ppjanati għal Diċembru 2016;

12. Jistieden lill-Gvern tal-Gambja jimpenja ruħu fi djalogu ġenwin mal-partiti politiċi kollha tal-oppożizzjoni dwar riformi leġiżlattivi u ta' politika li jiżguraw elezzjoni ħielsa u ġusta u jiggarantixxu r-rispett għal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, skont l-obbligi internazzjonali tal-Gambja; ifakkar li l-parteċipazzjoni sħiħa tal-oppożizzjoni u tas-soċjetà ċivili indipendenti f'elezzjonijiet nazzjonali indipendenti u ħielsa hija fattur importanti għas-suċċess ta' dawn l-elezzjonijiet;

13. Iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali, inkluż l-organizzazzjonijiet lokali tad-drittijiet tal-bniedem u l-NGOs, kif ukoll lid-Delegazzjoni tal-UE fil-Gambja u istituzzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra, sabiex jimmonitorjaw b'mod attiv il-proċedura elettorali, b'attenzjoni speċjali għall-garanzija tar-rispett pubbliku għal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni;

14. Jistieden lill-Gvern tal-Gambja jieħu l-miżuri meħtieġa kollha biex jiggarantixxi, fiċ-ċirkostanzi kollha, ir-rispett sħiħ tal-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-istampa; jitlob, f'dan ir-rigward, riforma tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni sabiex iġġib il-leġiżlazzjoni nazzjonali f'konformità mal-istandards internazzjonali;

15. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-PIN għall-2015-2016 għall-Gambja ma jistabbilixxi l-ebda appoġġ jew fond għas-soċjetà ċivili jew għall-governanza demokratika, il-promozzjoni tal-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; jappella lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-governanza demokratika, l-istat tad-dritt u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem ikunu setturi fokali ta' kull ftehim futur għall-kooperazzjoni fl-izvilupp li jiġi kkunsidrat bejn l-UE u l-Gambja;

16. Jistieden lid-Delegazzjoni tal-UE fil-Gambja tuża l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha, inkluż l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem, timmonitorja b'mod attiv il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fil-Gambja, u takkumpanja u ssegwi l-investigazzjonijiet dwar is-soppressjoni tal-protesti tal-14 u tas-16 ta' April 2016 mill-gvern u t-trattament tad-dimostranti f'detenzjoni, u biex tintensifika ulterjorment l-isforzi biex tinvolvi ruħha ma' membri tal-oppożizzjoni politika, mexxejja ta' studenti, ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, uffiċjali ta' trade unions u ma' mexxejja LGBTI;

17. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex iwettqu konsultazzjoni pubblika skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou, u biex jikkunsidraw li jiffriżaw kull għajnuna mhux umanitarja lill-Gvern tal-Gambja u biex jimponu projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar jew sanzjonijiet immirati fuq uffiċjali responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Unjoni Afrikana, lill-gvernijiet tal-pajjiżi membri tal-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Punent tal-Afrika, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Gambja, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, u lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE.